MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2005

Numru 188/2005

**Il- Pulizija**
(Spettur Paul Bond)

vs

**Sergio Scardigli**

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Sergio Scardigli, bin Aldino u Assunta mitwielda Mitrano, mwieled Livorno, Porto Ferraio (Italja) fit- 18 ta’ Marzu 1950, u prezentament joqghod Room 540, Suncrest Hotel, Qawra

Talli nhar it- 18 ta’ Frar 2005 ghall- habta tas-5.45 ta’ filghaxija, waqt li kien qieghed isuq karozza li ggib numru GAK 456 tal- ghamla Daewoo matulk Triq iz-Zebbiegh, Mgarr, Malta b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni

jew b’ nuqqas ta’ hila fl- arti jew professjoni tieghu jew b’ nuqqas ta’ tharis tar- regolamenti tat- traffiku, dahal go karozza li ggib numru IAN 771 tal- ghamla Maruti, bil- konsegwenza li kkaguna offiza ta’ natura gravi fis- sieq ix- xellugija ta’ Emmanuel Azzopardi skond ma kif verbalment iddikjara t- tabib Patrick Farrugia MD ta’ l- isptar San Luqa.

Barra minn dan akkuzat ukoll talli saq l- imsemmija karozza konra d- direzzjoni tat- traffiku u b’ maniera perikoluza u traskurata.

Rat li fis- seduta ta’ llum l- akkuzat ammetta l- akkuzi migjuba kontrih u tenna wara li l- Qorti til- prezenza ta’ l- avukat tieghu fissritlu x’ inhuma l- konsegwenzi ta’ ammissjoni.

Issibu hati.

Rat l- art 216 tal- Kap 9 kif ukoll ir- Regolamenti Dwar il- Vetturi.

Rat ukoll l- art 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta’ Malta li ser tapplika stante l- fedina penali ta’ l- akkuzat u hekk tilliberah taht l- imsemmi artikolu b’ dan li ma jghamilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur.

Il- Qorti qed tfisser bi kliem car lil akkuzat l- import ta’ dina s- sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------